TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 4/11

**Clive Muscat**
**vs**
**Cambros Ltd.**

Illum 9 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-19 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u ħamsa u ħamsin ewro (€255), rappreżentanti prezz ta' *catalytic converter* li wara sena u nofs illi nxtara ġralu l-ħsara, u kif ukoll ħamsa u għoxrin ewro (€25) spejjeż għat-test.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kellu problema bil-*catalytic converter* u mar għand id-ditta intimata sabiex jiġi msewwi u fil-fatt hekk għamel u ħallas mitejn u tletin ewro (€230), pero' wara sena u nofs li ġie nstallat reġa' bl-istess problema u ħadha għand l-aġent tat-Toyota sabiex tagħmillu d-dijagnosi.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi l-garanzija tal-*catalytic converter* hija ta' sena u li għalhekk mhix responsabli għal dawn il-ħsarat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, b'ekwita' jiddeċiedi illi s-soċjeta' intimata m'għandhiex għalfejn tħallas għal dawn l-ispejjeż kollha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u sebgħa w għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmi (€127.50), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888